MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 846/1998/1

Silvio Zammit u martu Charmain Zammit ghal kull interess li jista'jkollha

Vs

Ic-Chairman Maurice Gruppetta u s-Segretarju Joseph Cassar tal-Pool Administration Board, Ad Interim, Pixxina Nazzjonali,Kumpless Sportiv, Tal-Qroqq

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-24 ta' April 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi l-attur Silvio Zammir huwa impjegat fil-kariga ta' Operations Manager mill-Pool Administration Board, Ad interim, gja u qabel mal-Pool Management Committee, tal-Ixxina Nazzjonali gewwa l-Kumpless Sportiv ta'l-Universita' tal-Qroqq, u dana skond kuntratt datat 27 ta' Gunju 1994; illi skond l-istess kuntratt u partikolarment l-paragrafu numru 4 l-attur kellu jahdem gimgha ta' hamest ijiem ta' erbghin siegha, izda l-istess attur seta' jigi ordnat mill-allura Pool Management

Committee, sabiex jahdem fi tmiem il-gimgha bi hlas zejjed ta' rata bhala allowance jew sahra; illi fil-fatt mill-perjodu tax-xahar ta' Gunju tas-sena 1994 sas-xahar ta' Settembru 1997 l-istess attur hadem numru globali ta' elfejn disa' mija u sittin siegha (2960) li bl-istess rata, mehud fuq bazi tal-paga tieghu u cioe bir-rata ta' siegha siegha u nofs jigi fl-ammont ta' tlett liri maltin u wiehed u tmenin centezimu (LM3.81) fis-siegha, l-attur huwa dovut is-somma komplessiva ta' hadx-l elf mitejn u sebgha u sebghin lira maltin u sittin centezimu (LM11,277.60); illi l-attur interpella lill-konvenut diversi drabi sabiex ihallas kemm b'ittra legali datata 20 ta'Ottubru 1997 kif ukoll b'ittra gudizzjarja datata 29 ta' Jannar 1998 izda l-konvenut baqa' ma hallasx, talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut debitur ta' l-atturi ghal numru ta' 2960 siegha sahra fil-kariga tieghu ta'Operations Manager tal-Pixxina Nazzjonali;
2. tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' hdax-il elf mitejn u sebgha u sebghin lira maltin u sittin centezimu (LM11,277.60) bhala sahra ghall-perjodu minn Gunju 1994 sa Settembru 1997;
3. tillikwida kull ammont iehordovut mill-konvenut lill-attur bhala 'allowance jew sahra' skond il-lig, ghall-istess perjodu.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra legali datata 20 ta'Ottubru 1997 u tal-ittra gudizzjarja tad-29 ta'Jannar 1998, tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni,l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-8 ta'Ottubru 1998 li permezz taghha eccepew:-

1. illi preliminarjament in-National Pool Administration Board Ad interim m'ghadx ghandu t-tmexxija tal-Ixxina Nazzjonali fdata f'idejh u illum il-Bord li jemxxi il-pixxina huwa bin-nomenklatura ta' Administration Board biss;

2. illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur Silvio Zammit ma hadem ebda hinijiet taht struttura ta’ ‘overtime’ fil-pixxina nazzjonali;
3. illi jekk jigi pruvat li sar xoghol ta’’overtime’ dan sar minimament u zgur f’ammont ferm izghar minn dak mitlub.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-10 ta’ Dicembru 1998 quddiem din il-Qorti diversamentpreseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-2 ta’ Gunju 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’Novembru 1999 meta giet mahtura Dr Maria Dolores Gauci bhala assistant gudizzjarju ssabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tas-17 ta’ Mejju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.
Ittrat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attur kien jokkupa l-kariga ta’ Operations Manager tal-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq bejn Gunju tal-elf disa’ mija u erbgha u disghin u Mejju tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin. Ghalkemm beda l-impieg tiegh xi ftit gimghat qabel, gie iffirmat kuntratt ta’ impieg fis-27 ta’ Gunju 1994 fejn il-kariga tieghu u l-kondizzjonijiet tal-impieg gew definiti.

L-attur qed isostni li, ghalkemm il-kondizzjonijiet tal-impieg tieghu kienu jirrikjedu li huwa jiddedika gimgha ta’ hamest ijiem ta’ erbghin siegha kull gimgha fl-esekuzzjoni tal-inkarigu tieghu, huwa effettivament ghamel diversi sieghat zejda, kif ukoll dahal ghax-xoghol is-Sibtijiet u l-Hdud, u dan dejjem fuq rikjesta tal-Kumitat li jmexxi l-Pixxina Nazzjonali, u ta’liema xoghol zejjed huwa qatt ma gie

kumpensat ghalkemm huwa kien diversi drabi jaghmel talba f'dan is-sens.

Mill-provi prodotti jidher li fid-9 ta' Jannar 1995 il-Kumitat tal-Pixxina Nazzjonali kien sahansitra rrikonoxxa d-dritt ta'l-attur ghall-kumpens addizzjonali minhabba xoghol ezegwit f'hinijiet barra minn dak li kien hemm stipulat fil-kuntratt ta' impieg, billi f'laqa' tal-istess Kumitatt tal-istess data kien gie deciz li "*s-Sur Silvio Zammit kellu jzomm is-salarju li ghandu u jinghata somma ta' LM180 ohra kull xahrejn b'kundizzjoni li jidhol ghax-xoghol is-Sibt."* Jidher izda li din id-decizjoni la giet komunikata lill-attur u anqas u anqas ma giet implimentata billi l-istess attur jghid, u f'dan ma giex kontradett bl-ebda mod, li huwa qatt ma irceva din is-somma. Infatti f'dawn il-proceduri, kif jidher mill-iskeda prezentata mill-attur bhala Dok SZ1 (fol 17et seq), l-attur qed jippretendi hlas mhux biss ghas-sieghat zejda li hadem fil-granet lavorattivi izda ukoll ghal dawn is-sieghat li huwa hadem fil-weekends.

Mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta certament li l-attur kien bniedem assidwu fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu tieghu fit-tmexxija tal-organizzazzjoni tal-Pixxina Nazzjonali. Jidher ukoll li l-allegazzjonijiet tieghu li huwa kien jidhol ghax-xoghol f'hinijiet u granet oltre d-doveri tieghu kif stipulati fil-kuntratt ta'impieg, huma benn sostanzjati, mhux biss minn impjegati u klienti tal-istess Pixxina, izda ukoll sahansitra minn membri tal-istess Bord li kellu t-tmexxija tal-Pixxina Nazzjonali. Infatti insibu li l-istess Joseph Cassar, Segretarju tal-Bord, jghid li ghalkemm l-attur kien impjegat ghal hamest ijiem fil-gimgha, ghal gimgha ta'erbghin siegha, l-istess Kumitat kien ta ordni lill-attur sabiex biex jmur oltre l-obbligi tieghu kuntrattwali billi l-Kumitat ried li l-post jkun "manned" il-hin kollu. L-istess xhud jkompli jghid li "*Naturalment kellu* (l-attur) *jigi kumpensat ghal hinijiet li jaghmel wara il-hin stipulat fil-kuntratt.*" Dan ix-xhud Cassar jkompli jghdi li l-Kumitat kien jaf li l-attur kien qed jaghmel'overtime' u li l-attur kien qed izom record tal-hinijiet zejda li jahdem. Fir-rigward tad-Dok SZ1 l-istess xhud stqarr li ma setghax jikkonfermah biss zied jghid li mhux eskluz li l-attur kien jkun hemm (fuq ix-xoghol) hafna.

L-istess insibu fix-xiehda ta’ Keith Zahra, deckhand impjegat mal-konvenut, li xhed li l-attur gieli kien jkun fuq il-post fis-6.00 a.m. u li regolarment kien joqghod hemm sa tard – anke sad-9.00 p.m. Franklin Axisa, impjegat iehor tal-konvenut bhala deckhand u maintenance man, li kien jahdem bejn is-7.00 a.m. sas-2.00 p.m. is-sebat ijiem tal-gimgha, kkonferma li l-attur dejjem kien jkun presenti filghodu meta huwa jmur ghax-xoghol, u anke regolarment kien jarah is-Sibt u l-Hadd. Joseph Spiteri, klient tal-pixxina, ukoll ikkonferma li kull meta mar il-Pixxina, u dan kien jkun ghal habta tas-6.00/6.30 p.m. dejjem sab lill-attur fl-ufficcju tieghu. Edward Refalo, waterpolo player, kien jattendi l-Pixxina Nazjonali kuljum bejn l-5.30 u d-9.00p.m.ghat-training, u dana nkluz is-Sibtijiet u l-Hdud. F’dawn l-okkazzjonijiet dejjem sab lill-attur hemm. Finalment Margaret Grima, li hadmet bhala receptionist tal-Pixxina Nazjonali bejn Settembru 1994 u April 1998, stqarret li kienet tara lill-attur hemm kuljum minn filghodu sa filghaxija u li dan anke dahal bil-lejl meta kien hemm bzonn u dan tafu ghax kien johodha mieghu l-Pixxina. Din tkompli tghid li s-shift taghha gieli kien jkun sad-9.00 p.m. u anke f’dawn l-okkazzjonijiet l-attur kien jkun presenti.

Joseph Cassar, bin Edwin, (persuna differenti minn Joseph Cassar li ssemma aktar ‘l fuq) s-segretarju presenti tal-Bord stqarr li huwa beda l-involviment tieghu bhala segretarju tal-Bord ghat-tmexxija tal-Pixxina Nazjonali f’Ottubru 1995. Huwa jghid li kien jaf bil-kuntratt ta’impieg ta’ l-attur u cioe li dan kien obbligat jattendi mit-Tnejn sal-Gimgha bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m. B’dana kollu dan ix-xhud jghid li l-attur kien obbligat jikun presenti fuq ix-xoghol waqt li jkunu qed jinzammu l-laqghat tal-Kumitat billi kien mistenni minnu li jaghti li spejgazzjoni mehtiega. Dawn il-laqghat kienu jinzammu cirka darba fil-gimgha u jibqghu sejrin sas-6.00 jew is-6.30 p.m. u anke kif irrizulta sussegwentement minn minuti tal-istess laqghat, anke aktar tard. Ix-xhud qal ukoll li l-attur kien ukoll mistenni li jidhol is-Sibtijiet filghodu minhabba l-program Skola Sport li kien jibqa’ ghaddejn san-nofs siegha. Wara, jkompli jghid dan ix-xhud, l-attur kien jibqa’ hemm sa xi l-erbgha ta’ wara nofs inhar biex jorganizza x-

xoghol kreat mill-Water Polo sessions. Dan ix-xhud kompla jghid li l-attur kien ukoll mistenni, bhala l-uniku full timer u persuna responsabbli, li jidhol ghax-xoghol kull darba li kienet tinqala xi emergenza. Fl-ahharnett dan ix-xhud qal li wara Mejju 1997, meta hu mar di sentu fl-impjant tal-Pixxina f'Tal Qroqq, kien jhabbat wiccu kuljum mal-attur.

Mil-fuq espost jidher li d-decizjoni li kienet ittiehdet mill-Management Committee fil-laqgha tal-5 ta' Novembru 1997, meta giet michuda t-talba tal-attur ghalhlas tal-overtime, kienet zbaljata billi fl-ewwel lok din ma haditx in konsiderazzjoni r-rezoluzjoni tal-istess Kumitatt, differentement kompost, tad-9 ta' Jannar 1995, fuq riportata, kienet bazata fuq interpretazzjoni zbaljata tal-kuntratt ta'impieg billi gie ritenut li dan kien jistipula “flexible hours”, u finalment kienet ukoll zblajata billi kien gie ritenut li l-istess attur kien qieghed jahdem hinijiet differenti u mhux kif kontemplat fil-kuntratt ta' impieg, izda dejjem mhux in eccess ta' dak stipulat fl-istess kuntratt, haga li dejjem giet michuda mil-attur u li x-xhieda fuq riportati jikkontradicu.

Il-kuntratt ta'impieg ta'l-attur datat 27 ta' Gunju 1994, kien effettiv ghall-perjodu kollu tal-impieg tieghu sakemm dan gie terminat. Infatti l-istess xhud Joseph Cassar, bin Edwin, jghid li l-kumitat li gie mahtur fil-1997 rega ikkonferma dan il-kuntratt u anke onora l-obbligi tieghu billi l-attur inghata iz-zieda hemm kontemplata ta' LM100 fix-xahar billi kienu ghaddew it-tlett snin mill-bidu tal-ingagg tieghu. Dan il-kuntratt ghalhekk ghandu jkun il-bazi ta'kull komputazzjoni li ghandha ssir fil-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-attur u dana minghajr ma jittiehed kont tar-rezoluzzjoni tal-Kumitat tad-9 ta' Jannat 1995 billi din mhux biss ma gietx diskussa mal-attur izda lanqas biss notifikata lilu u anqas u anqas implimentata. L-artikolu 4 tal-imsemmi kuntratt jghid specifikatament hekk:-
**“It is inherent in the duties of the Operations Manager that his responsibilities extend over a five day week (forty hour week). However it could be possible that the Operations Manager will be requested to work in the weekend as directed by the PMC** (Pool

Management Committee) **at an agreed allowance or overtime rate."**

Relevanti ukoll ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni quddiemil-Qorti huwa l-ewwel paragrafu ta' l-artikolu 7 li jghid espressament hekk:
**"The salary payable to the Operations Manager shall be four hundred and forty Maltese Liri (LM440) gross per month. An increment of one hundred Maltese liri (LM100) a month is to be added after three years (3yr) service."**

Minn dan jidher li l-attur kellu introitu mill-impieg tieghu ta' LM5280 fis-sena komputat bir-rata ta'LM440 fix-xahar li fuq perjodu lavorattiv ta' mitejn u sittin gurnata fis-sena skond ma jistipula l-kuntratt, jwassal ghal figura ta' LM20.30 paga ghal kull gurnata tax-xoghol – cioe LM2.54 fis-siegha. Ghalhekk ghall-perjodu li l-attur hadem in eccess ta' dak stipulat fil-kuntratt huwa kellu jithallas bir-rata ta' darba u nofs u cioe bit-LM3.81 fis-siegha.

Il-konvenut ma ressaq ebda prova li l-ammonti ta' 'overtime' li jindika l-attur fid-dokument SZ1 kompilat minnu huma inkorretti jew b'xi mod ezagerati. Ghal kuntrarju jirrizulta li dawn ittiehdu mid-djarju tal-attur u kif jghid l-istess Joseph Cassar ma huma xejn barra minn lokhom. In effetti jirrizulta li l-konvenut ghandu f'idejh id-dettalji kollha tal-hinijiet tax-xoghol li kien jahdem l-attur, inkluz l-overtime, li kienu jinzammu mill-istess attur wara li, fin 1997 kien hemm bidla fl-amministrazzjoni, izda ghalkemm dawn id-dokumenti jissemmew ripetutament il-konvenut qatt ma pproducihom biex jikkontrolla jew jichad dak li qed jghid l-attur ghal menu ghall-ahhar perjodu involut fit-talba.

Illi fl-assenza ta' prova kontrarja din il-Qorti hija tenuta li taccetta bhala korrett d-dokument SZ1 prodott mill-attur li jindika 2960 siegha 'overtime' li bir-rata fuq imsemmija jwassal ghas-somma ta' LM11,277.60 bhala dovuta lill-attur ghal hlas ta' 'overtime' minnu mahdum fil-perjodu tal-impieg tieghu mal-konvenut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur, bl-imghax legali mil-lum, is-somma ta' hdax il-elf mitejn sebgha u sebghin lira maltin u sittin centezimu (LM11,277.60) ghas-saldu ta'kull ammont dovut lill-attur bhala hlas ghall-'overtime' mahdum minnu waqt l-impieg tieghu mal-konvenut bejn il-perjodu minn Gunju 1994 sa Settembru 1997, kif mitlub fl-ewwel zewg talbiet tac-citazzjoni u fl-istess hin tichad it-tielet talba billi ma jirrizulta ebda ammonti ohra dovuti lill-attur oltre dak gja likwidat.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor ImhallefAlbert J. Magri